MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru 813/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Joseph Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Fenech ta’ 58 sena iben Anglu u Chaterine nee’ Abela imwieled Zejtun fil-14 ta’ Gunju 1950 u residenti 1, Triq Fawstina, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 566350(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Mejju 2008 ghall-habta ta’ 15.00hrs gewwa z-Zejtun ;

Volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ ghamel hsara ta’ Euro 674.34 fuq ATM ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 (b) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta’ Settembru 2008 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni inkwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali relattivament netta ta’ l-imputa, l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bi shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18) -il xahar millum.

Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Melita Unipol Insurance Agency Limited is-somma ta’ sitt mija, erbgha u sebghajn Ewro u hamsa u tletin Ewro centezmi (674.35€).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------